

II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Settembru 2007

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

(2007/633/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) B'Deċiżjoni tal-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.
- (2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità ftehim ma' New Zealand dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru bi qbil mal-mekkaniżmi u d-Direttivi fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-5 ta' Ġunju 2003.

(3) Il-ftehim ġie ffirmat f'isem il-Komunità suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard, bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/466/KE ⁽²⁾.

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru huwa approvat f'isem il-Komunità.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat li jinnomina l-persuna li jkollha s-setgħa tagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Settembru 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

R. PEREIRA

⁽¹⁾ Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ ĠU L 184, 6.7.2006, p. 25.